MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 520/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Noel Farrugia**

**Kumpilazzjoni Nru: 520/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Noel Farrugia, ta' 32 sena, imwieled fis-26 ta' Jannar, 1979 gewwa San Giljan, iben Carmel u Josephine nee' Mifsud, residenti gewwa numru 45, Old Trafford, Flat 5, Triq Moroni, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 205180(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' April, 2011, ghall-habta tas-05:45am gewwa Triq il-Kbira, Hal Qormi, kkommetta serq ta' handbag flimkien ma' diversi affarijiet ohra ta' valur li kienu go fih fosthom 100 Ewro kontanti, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta' Teresa Carmela Cassar li hi mara anzjana;
2. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta ta' bejn is-07:00am u l-11:30am minn gewwa r-residenza privata numru 74, Triq Pinto, Hal Qormi, ikkommetta serq ta' DVD Player tad-Ditta Samsung, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-lok, u li sehh a detriment ta' Francis Degiorgio;

3. U aktara talli fl-istess data, ghall-habta tal-05:30am gewwa Triq San Pawl, Hal Qormi bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' li jikkommetti serq ta' handbag li kien fih diversi oggetti ta' valur, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin, wera dan il-hsieb b'atti esterni u inghata bidu ghall-esekuzzjoni tal-imsemmi delitt, li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li sehh a deteriment ta' Maria Edwards;

4. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta ta' bejn is-7:00am u l-11:30am gewwa residenza privata f' Numru 74, Triq Pinto, Hal Qormi kkommetta hsara volontarja fl-imsemmija residenza privata, u li sehhet a deteriment ta' Francis Degiorgio;

5. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta tas-05:45am gewwa Triq il-Kbira, Hal Qormi hebb ghal Teresa Carmela Cassar li hi mara anzjana sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmillha hsara;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkustanzi volontarjament ikkaguna griehi fuq il-persuna ta' l-istess Teresa Carmela Cassar;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Teresa Carmela Cassar biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod tali li ta fastidju lill-persuna ohra u cioe' lil Teresa Carmela Cassar, b'mod li kien jaf jew li messu kie jaf li dan kien ta fastidju ghal dik il-persuna;

9. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta tal-05:30am gewwa Triq San Pawl, Hal Qormi hebb kontra Maria Edwards sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmillha l-hsara;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna griehi fuq il-persuna ta' l-istess Maria Edwards;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkaguna lil Maria Edwards biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod talli li ta fastidju lill-persuna ohra u cioe' lil Maria Edwards, b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal dik il-persuna;

13. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insulenta lil Maria Edwards;

14. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta tas-06:30am gewwa Triq il-Mithna, Hal Qormi kkommetta hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CRM 630, a deteriment ta' Jason Vella;

15. U aktar talli fl-istess data, hinijiet u gewwa Hal Qormi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

16. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

17. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares diversi kundizzjonijiet li gew imposti

fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet li gie moghti u li bih inghata il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u b'hekk jsir l-arrest mill-gdid ta' l-imputat;

Il-Qorti, giet wkoll mitluba sabiex is-somma li kienet bhala garanzija personali, fil-kundizzjonijiet impost mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fid-digriet li gie moghti, tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti, finalment giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jizamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali p-ermezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli talKapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 267, 270, 274, 276A u 277;
b) 261(d)(e), 268, 269 u 281;
c) 41, 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 267, 270, 274 u 277;
d) 325;
e) 339(1)(d);
f) 214, 215 u 221;
g) 251B;
h) 251A(1)(a)(b)(4);
i) 339(1)(d);
j) 214, 215 u 221;
k) 251B;
l) 251A(1)(a)(b)(4);
m) 339(1)(l);
n) 325(1)(b);
o) 338(d);
p) 49, 50 u 289;
q) 579;
r) 383, 384, 386, 412C u 412D;
s) 17, 20, 31 u 533.

Rat li l-imputat ma' kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkusnidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b'sensiela ta' reati li sehhew nhar l-14 ta' April 2011 f'Hal-Qormi. Dak in-nhar ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghodu sehh attentat ta' serq a dannu ta' Maria Edwards; ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta' fil-ghodu sehh serq a dannu ta' Teresa Cassar; ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghodu giet ikkawzata hsara volontarja a dannu ta' Jason Vella; u xi hin bejn s-sebgha ta' fil-ghodu u l-hdax u nofs ta' fil-ghodu sehh serq u giet ikkawzata hsara a dannu ta' Francis Degiorgio. Dawn ir-reati kollha sehhew f'Hal-Qormi f'postijiet li ma tantx hemm distanzi minn xulxin.

Illi mid-depozizzjoni taghha jirrizulta li Maria Edwards telqet mid-dar taghha u kienet miexja biex tirkeb il-van tax-xoghol. F'xi hin hasset  passi warajha u harset lura; Edwards rat persuna li hasbet li kien ragel, li kien liebes crash helmet sewda u meta rat hekk inhasdet. Hu prova jiehu l-handbag taghha imma hi zammietu (l-handbag) u bdew jissaraw ghalih u hi spiccat waqat ma'l-art filwaqt li bdiet tghajjat ghall-ghajjut. Il-persuna li agredixxa lil Edwards ma rnexxielux jiehu l-handbag u ghalhekk telaq 'l hemm. Mic-certifikat  esebiet jirrizulta li Edwards soffriet griehi ta' natura hafifa f'dan l-incident.

Illi ftit aktar qabel certu Jason Azzopardi kien qieghed jistenna l-van tax-xoghol; il-karozza tieghu, li ghandha numru ta' registrazzjoni CRM 630, kienet ipparkjata vicin. Waqt li kien qed jistenna l-van ra lill-imputat (li hu gharaf f'l-awla) ghaddej hdejn il-karozza tieghu u nnota li l-imputat pprova jiftah il-karrozza; meta ra hekk Azzopardi cempel lill-pulizija. L-imputat rega' ghadda quddiem Azzopardi u dan innota li kellu helmet f'idejh. Dak il-hin

Azzopardi ra lil Maria Edwards, li toqghod vicin tieghu, hierga mid-dar u f'l-istess hin ra lill-imputat jielbes il-crash helmet u jmur minn wara Edwards; Azzopardi mbaghad ra lill-imputat jaggredixxi lil Edwards.

Illi ftit minuti wara certa Tereza Cassar, li dak in-nhar ta' l-incident kellha hamsa u sebghin (75) sena, kienet sejra l-knisja. Hekk kif kienet mixja fid-direzzjoni tal-knisja mid-direzzjoni opposta kien gej ragel li beda jgedwed wahdu; ghaddew lil xulxin. Pero hekk kif ghaddew lil xulxin ir-ragel dar minn warajha u gibdielha l-handbag; Cassar bdiet izzomm il-handbag u din il-persuna gibdet izjed u Cassar spiccat waqat ma'l-art. Ir-ragel li agredixxa lil Cassar irnexxielu jiehu l-handbag li kien fih effetti personali bhal santi u cwievet u anke l-portmoni li kien fih almenu mija u hmistax il-Euro. Mic-certifikat esebit jirrizulta li Cassar soffriet griehi ta' natura hafifa f'dan l-incident.

Illi jirrizulta li fil-lejl ta' qabel dawn l-incidenti l-imputat u s-siehba tieghu, Miriam Azzopardi, kienu qeghdin ghand certu Francis Degiorgio. Dan Degiorgio mar l-ghassa tal-pulizija nhar l-14 ta' April 2011 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar biex jirrapporta li aktar kmieni, xi hin bejn s-sebgha ta' fil-ghodu u l-hdax u nofs ta' fil-ghodu xi hadd kien seraqlu DVD player u ghamillu hafna hsara fid-dar u li hu kien qed jissusspetta li kien l-imputat li wettaq dawn ir-reati. Dak in-nhar Degiorgio insista li jaghmel dikjarazzjoni bil-miktub ghand il-pulizija.

Illi Francis Degiorgio tressaq bhala xhud mill-prosekuzzjoni. Huwa, b'riluttanza kbira ikkonferma dak li kien qal lill-pulizija meta ghamel r-rapport u cioe li dak in-nhar fil-ghodu l-imputat qallu biex jaghmlu xi serqa pero Degiorgio irrifjuta li jigi involut. Degiorgio qal ukoll li fil-fatt l-imputat telaq ghal rasu u aktar tard, kien ghadu qabel is-sebgha ta' fil-ghodu, iltaqghu f'hanut tat-te (Degiorgio u Miriam Azzopardi kienu qeghdin hemm u dahal hdejhom l-imputat). Meta hargu minn hemm Azzopardi u l-imputat bdew jilletikaw fit-triq pero spiccaw biex it-tlieta li huma marru kollha lura ghand Degiorgio; waqt li kienu hemm l-imputat qal lil Degiorgio li kien seraq il-handbag ta' wahda anzjana. Ghall-habta tas-sebgha Degiorgio hareg u halla

lill-imputat u lil Miriam Azzopardi fid-dar tieghu. Huwa irritorna hemm ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ fil-ghodu u meta dahal id-dar sab herba shiha u DVD player nieqes; l-imputat u Azzopardi ma kienux qeghdin hemm. Waqt id-depozizzjoni tieghu Degiorgio jghid li huwa hafer lill-imputat u li sussegwentement sab d-DVD player.

Illi kif diga ntqal aktar tard fil-gurnata Degiorgio mar l-ghassa tal-pulizija biex jaghmel rapport dwar l-akkadut. Waqt li Degiorgio kien qieghed hemm mar l-ghassa certu Jason Vella; dan Vella irrapporta li ghall-habta tas-sitta u nofs ta’fil-ghodu kien qieghed id-dar (fi Triq il-Mithna) u sema ghajjat barra r-residenza tieghu; hu hareg u hdejn il-karrozza tieghu ra li xi hadd jiggieled hdejn il-vettura tieghu. Aktar tard Vella hareg u ccekkja il-karozza u sab ghafsa zghira. Degiorgio li dak il-hin kien l-ghassa ikkonferma li l-persuni li kienu qed jiggieldu barra l-hanut tat-te kienu l-imputat u Miriam Azzopardi. Jason Vella tressaq bhala xhud u fil-waqt li fid-depozizzjoni tieghu rega’ qal dak li kien qal lill-pulizija aktar minn hekk gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed tiggieled hdejn il-karrozza tieghu u zied ukoll li huwa ra lill-imputat jaghti daqqiet fuq il-karozza tieghu. Vella prezenta stima ta’ hsarat li garrbet il-karrozza tieghu; dawn jammontaw ghal mija erbgha u disghin Euro u sebghin centezmu (€194.70).

Illi gara ukoll li ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofs in-nhar certu Marius Magri li joqghod f’Pjazza San Frangisk Qormi innota li xi hadd kien pogga crash helmet fil-vettura tieghu u li go din il-crash helmet kien flokk isewd. Dawn il-crash helmet u l-flok gew elevati mill-pulizija; ghandu jigi rilevat li dawn l-oggetti ma gewx esebieti in atti.

Illi in vista ta’ dawn ir-rapporti u dak li kien qed jirrizulta lill-pulizija partikolarment mill-informazzjoni mghotija lilhom minn Francis Degiorgio bdiet tfittxija ghall-imputat pero ma setghax jinstab; sar kuntatt ma’ omm l-imputat li qaltilhom li binha ma kienx qieghed id-dar imma malli jirritorna hi kienet ser tinfurmahom. Fil-fatt l-ghada fil-ghodu (nhar il-hmistax (15) ta’ April) ghall-habta tat-tmienja (08.00am) omm l-imputat cemplet lill-pulizija biex tghidilhom li binha

kien qieghed id-dar; marru l-pulizija u gew infurmati minn omm l-imputat li dan ma kienx f’qaghda tajba ghax kien ha xi pilloli, fil-fatt l-imputat kellu jittiehed l-isptar ghall-kura fejn inzamm sa’l-l-ghada s-sittax (16) ta’ April. Meta gie licenzjat mill-isptar l-imputat ittiehed l-ghassa tal-pulizja fejn gie interrogat u rrilaxxja stqarrija li fiha ma rrisponda ghal kwazi l-ebda domanda u ftit tal-hin wara tressaq l-Qorti b’l-imputazzjonijiet odjerni.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li l-imputat ghandu proceduri ohra pendenti kontra tieghu u li fihom huwa kien inghata helsein mill-arrest. Id-degriet li permezz tieghu inghata l-helsien mill-arrest, datat 27 ta’ Settembru 2010,  huwa esebit in atti; fost il-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat f’dak id-degriet hemm dawk li ma jikkommettiex reat iehor waqt il-perjodu tal-helsien mill-arrest u li ma johrogx mid-dar tar-residenza tieghu bejn is-sebgha ta’ fil-ghaxija u s-sebgha ta’ fil-ghodu.

Illi l-imputat ressaq persuna wahda bhala xhud, certu Frankie Falzon. Dan Falzon jghid li huwa kien sema’ li l-imputat gie arrestat u rrakkonta fatti li sehhew lejlet l-arrest ta’ l-imputat. Falzon jghid li huwa kien qieghed ma’ persuna ohra f’hanut jismu Black Beauty meta ghall-habta tad-disgha ta’ fil-ghaxija gie Francis Degiorgio u talab lil Falzon biex jiehdu sal-Furjana biex igib xi labar ghax Noel Farrugia kellu overdose. Falzon ikkonforma li l-gurnata meta sehh dan li irrakkonta kienet il-Gimgha. Dan jaghmel sens ghaliex l-14 ta’ April 2011 kien il-Hamis, u l-imputat gie arrestat fis-16 ta’ April 2011 li kien is-Sibt ghalhekk leljet l-arrest ta’ l-imputat kien il-Gimgha.

Illi minn dawn il-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kien il-persuna li wettqet dawn l-incidenti kollha. Jesmond Azzopardi gharaf lill-imputat bhala l-persuna li aggrediet lil Maria Edwards  u Jason Vella gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed tiggieled hdejn il-karrozza tieghu; il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni a bazi ta’ liema ghandha tiskredita lill-imsemmija Jesmond Azzopardi u Jason Vella, anzi hija tal-fehma li tista’ tistrih fuq id-depozizzjoni taghhom.

Illi hadd ma identifika lill-persuna li aggrediet u serqet il-handbag ta’ Teresa Cassar, pero tenut kont l-kronologija ta’l-incidenti u tal-prossimita tal-postijiet fejn sehhew l-incidenti u anke ta’ dak li qal l-imputat lil Francis Degiorgio kemm wara kif ukoll qabel ma sehhew dawn l-incidenti l-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li agredixxa lil Cassar u seraq il-handbag taghha.

Illi dwar dak li gara fid-dar ta’ Degiorio ukoll m’hemmx provi diretti li jorbtu lill-imputat ma l-akkadut; pero anke hawn fil-fehma tal-Qorti hemm provi cirkostanzjali bizzejjed li juru li l-imputat kien responsabbli ghal dak li gara.

Ikkunsidrat

Illi kontra l-imputat hemm sbatax il-imputazzjoni:

- l-ewwel, il-hames, is-sitt, is-sebgha u t-tmien wahda jikkoncernaw l-incident ma’ Teresa Cassar;
- it-tielet, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u t-tlettax il-wahda jikkoncernaw l-incident ma’ Maria Edwards;
- it-tieni u r-raba wahda jikkoncernaw dak li gara ghand Francis Degiorgio;
- l-erbatax u l-hmistax il-wahda jirrigwardaw l-incident li sehh barra l-ahnut tat-te meta l-imputat beda jiggieled ma’ Miriam Azzopardi u giet kawzata hsara fil-vettura ta’ Jason Vella;
- is-sittax il-wahda hija dwar recidiva; u
- is-sbatax il-imputazzjoni hija dwar ksur ta’ kundizzjonijiet imposti mal-helsien mill-arrest.

Illi l-ewwel imputazzjoni hija dik dwar serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, u hin.

Illi kif diga ntqal aktar ‘l fuq il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li agredixxa lil Teresa Cassar u hatfilha l-hand bag u ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati tas-serq tieghu. F’l-incident in ezami Teresa Cassar garrbet griehi hfif ghalhekk jirrizulta l-aggravju dwar vjolenza; jirrizulta ukoll li l-incident sehh fis-sitta nieqes kwart ta’ fil-ghodu f’l-14 ta’ April ghalhekk ghandu jirrizulta ukoll l-aggravju dwar hin.

L-istess ma jistax jinghad ghall-aggravju dwar il-mezz in kwantu mill-provi prodotti dwar dan l-incident ma tirrizulta l-ebda wahda mic-cirkostanzi imsemmija f'l-artikolu 263 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex jissussisti l-aggravju tal-valur huwa necessarju li l-oggetti misruqa jeccedu l-valur ta' mitejn tnejn u tlettin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Minn dak li qalet Teresa Cassar jirrizulta li nsteraq il-handbag li fih kien hemm xi santi u cwievet u portmoni li fih kien hemm mija u hmistax il-Euro (€150). F'nuqqas ta' xi prova kwalunkwe li tikkonferma li l-valur tal-handbag, il-portmoni u c-cwievet kienu jeccedu tnejn u tmenin Euro u erbgha u disghin centezmu (€82.94) lanqas ma jista jinghad li l-aggravju dwar valur gie pruvat.

Illi l-hames u s-sitt imputazzjonijiet huma dwar hebb u offiza ta' natura hafifa fil-konfront ta' Teresa Cassar.

Illi kif diga ntqal jirrizulta ampjament li f'l-incident de quo Teresa Cassar giet aggredieta mill-imputat u li hija soffriet griehi ta' natura hafifa; ghalhekk dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi b'referenza ghar-reat tas-serq u ta' l-offiza hafifa ghandu jigi rilevat li ai termini ta' l-artikoli 222A u 276A tal-Kapitolu 9 jissussisti l-aggravju determinat mill-eta ta' Teresa Cassar li fil-gurnata ta'l-incident kellha sebgha u hamsin sena.

Illi s-sebgha u t-tmien impuitazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk dwar fastidju u biza ta' uzu ta' vjolenza.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li biex jissussistu dawn ir-reati jehtieg li jkun hemm pluralita ta' incidenti li jikkoncernaw lill-persuna imputata u lill-vittma. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li bejn l-imputat u Teresa Cassar kien hemm xi incident iehor minbarra dak lil sehh f'l-14 ta' April 2011 ghalhekk dawn iz-zewg imputazzonijiet ma jistghux jirrizultaw.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dwar attentat ta’ serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, u hin; din id-darba a dannu ta’ Maria Edwards.

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat, meta kien liebes crash helmet, aggredixxa lil Edwards, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ fil-ghodu u kien ser jipprova johdilha il-handbag; jirrizulta ukoll li f’din it-taqbida Edwards soffriet griehi ta’ natura hafifa. F’dawn ic-cirkostanzi m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati ta’ attentat ta’ serq aggravat bil-vjolenza, mezz u hin. Pero l-istess ma jistax jinghad ghall-aggravju dwar valur. Ma ngiebet l-ebda prova li l-handbag u/jew il-kontenut tieghu kellhom valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tlettin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94); ghalhekk dan l-aggravju ma jistax jirrizulta.

Illi la darba jirrizulta li f’dan l-incident l-imputat agredixxa lil Edwards u din soffriet ggriehi ta’ natura hafifa jirrizultaw ukoll id-disgha u l-ghaxar imputazzjonijiet.

Illi l-hdax u t-tnax il-imputazzjoni huma dawk dwar fastidju u biza ta’ uzu ta’ vjolenza din il-darba fil-konfront ta’ Maria Edwards. Anke hawn mill-atti ma jirrizultax li qatt kien hemm xi incident iehor bejn l-imputat u Edwards hlif ghal dak in ezami; ghalhekk u ghall-istess ragunijiet espressi fil-kondsiderazzjonijiet dwar is-sebgha u t-tmien imputazzjoni; lanqas il-hdax u t-tnax il-imputazzjoni ma jistghu jirrizultaw.

Illi permezz tat-tlettax il-imputazzjoni migjuba kontra tieghu qed jinghad li l-imputat qqal kliem insolenti lil Maria Edwards. Mid-depozizzjoni taghha pero ma jirrizultax li l-imputat qal xi kliem insolenti fil-konfront ta’ Edwards; ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni u r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat jirreferu ghal-serq aggravat bil-persuna u bil-lok, u hsara volontarja, it-tnejn a dannu ta’ Francis Degiorgio.

Illi l-imputazzjoni dwar is-serq hija bazata fuq l-allegazzjoni ta’ Francis Degiorgio li insteraqlu DVD player mid-dar tar-residenza tieghu fil-hin li kien hemm l-imputat wahdu ma’ Miriam Azzopardi. Pero dan Degiorgio fid-depozizzjoni tieghu jghid li eventwalment huwa sab d-DVD player. Dwar il-hsara kawzata fir-residenza tieghu f’l-istess cirkostanzi Degiorgio jghid li huwa hafer lill-imputat.

Illi la darba l-parte leza qed jghid taht gurament li l-oggett li huwa haseb li nsteraq fil-fatt ma kienx insteraq, fil-fehma tal-Qorti huwa mankanti l-actus reus u ghalhekk t-tieni imputazzjoni qatt ma tista tirrizulta.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni jirrizulta ampjament li sehhet hsara fir-residenza ta’ Degiorgio u l-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li kkawza din il-hsara, pero ma ngiebet l-ebda stima tal-hsara ikkawzata. Wiehed jista jara x’hsara saret mir-ritratti esebieti; minn dawn ir-ritratti wiehed jista’ facilment jasal ghall-konkluzzjoni li l-hsara ikkawzata kienet tammonta ghal aktar minn €23.29 pero l-Qorti mhiex f’pozizzjoni, minn dawn ir-ritratti, li tistabbilixxi li l-hsara kienet teccedi l-€116.47. Dan ifisser li l-artikolu applikabbli ai fini ta’ l-imputazzjoni issa in ezami huwa l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9.

Illi pero biex tinstab htija taht dan l-artikolu jehtieg li jkun hemm il-kwerela tal-parti offiza li jidher li giet irtirata bid-dikjarazzjoni ripetuta fid-depozizzjoni ta’ Francis Degiorgio li huwa qed jahfer lill-imputat. Ghalhekk il-Qorti ikollha tiddikjara il-procediment ezawriet fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-erbatax u l-hmistax il-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat jirrieferu ghal dak l-incident li sehh meta l-imputat, flimkien ma’ Miriam Azzopardi u Francis Degiorgio, hareg mill-hanut tat-te u beda jiggieled ma’ Azzopardi.

Illi Jason Vella ma kellu l-ebda dubbju li kien l-imputat li kien qed jiggieled hdejn il-karozza tieghu u li anke ta

daqqiet fuq il-karozza; hemm prova li l-hsara ikkawzata fil-vettura kienet tammonta ghal €194.70. Il-glied ta’ l-imputat kien tali li Vella, u ommu, semghuh minn go d-dar taghhom. Konsegwentement l-imputazzjonijiet issa in ezami jirrizultaw pruvati b’dan li ghal dak li jirrigwarda l-hsara volontarja a dannu ta’ Jason Vella l-imputat qed jinstab hati tar-reat propsettat f’l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-sittax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi abbedietat bir-recidiva.

Illi mill-provi jirrizulta li permezz ta’ sentenza mghotija fil-konfront tieghu fis-7 ta’ Novembru 2008 l-imputat instab hati ta’ diversi reati u gie ikkundannat ghal tmien xhur prigunerija.

Illi r-reati li taghhom qed jinstab hati permezz tal-proceduri odjerni sehhew f’l-14 ta’ April 2011 u ghalhekk fil-perjodu ta’ hames snin mis-sentenza fuq imsemmija. Konsegwentement l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv.

Ikkunsidrat

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu f’l-ghoti tal-helsien mill-arrest permezz ta’ degriet tas-27 ta’ Settembru 2010.

Illi jirrizulta mid-degriet esebit in atti li l-imputat kien obbligat li ma jaghmilx reat iehor ta’ natura volontarja fil-perjodu tal-helsien mill-arrest. Ir-reati kollha li taghhom qed jinstab hati llum huma reati ta’ natura volontarja ghalhekk din il-kundizzjoni ma gietx osservata.

Illi aktar minn hekk l-imputat kien obbligat li ma johrogx mir-residenza tiehgu bejn is-sebgha ta’ fil-ghaxija u s-sebgha ta’ fil-ghodu. Hafna mill-incidenti li wasslu ghall-proceduri odjerni sehhew bejn il-hamsa u nofs ta’ fil-ghodu u s-sebgha ta’ fil-ghodu ghalhekk f’hin meta suppost l-imputat kien qieghed id-dar tieghu; ghalhekk

anke din il-kundizzjoni ma gietx osservata. F'dawn ic-cirkostanzi din l-ahhar imputazzjoni tirrizulta sodisfcajentement pruvata ukoll.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. In oltre u in vista tal-griehi sofferi minn Teresa Cassar u Maria Edwards l-Qorti hija tal-fehma li ghandu japplika l-artikolu 274(d) tal-Kapitolu 9 bil-piena mizjuda bi grad ai termini ta'l-artikolu 276A ta'l-istess kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tar-raba imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni, s-sebgha, it-tmien, il-hdax, it-tnax u t-tlettax imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 41, 49, 50, 214, 215, 221, 222A(1), 261(a)(b)(f), 262, 263, 270, 276A, 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(d) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni mhux qed jinstab hati ta'l-aggravju dwar mezz u valur u fir-rigward tat-tielet imputazzjoni mhux qed jinstab hati ta'l-aggravju dwar valur mill-liema aggravju qed jigi liberat, u tikkundannah tlett snin prigunerija. Inoltre l-Qorti qed tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat permezz tad-degriet tas-27 ta' Settembru 2010 u konsegwentement tordna r-riarrest ta'l-imputat u qed tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depozitu u l-garanzija personali imsemmija fid-degriet tas-27 ta' Settembru 2010, f'l-ammont totali ta' €5,500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------